MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 585/2006

**Talba Numru 585/06MK**

**John Cini**

**vs**

**Stivala Operations Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab il-kundanna ghal hlas tas-somma ta' tlett mija, erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm324), rapprezentanti hlas ta' vacation leave u festi pubblici dovuti mis-socjeta' konvenuta naxxenti mir-relazzjoni ta' impieg li kien hemm bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluz ta` l-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 2005.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta` konvenuta fejn ecceppixxiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici ghaliex ma hemm ebda ammont dovut bhala ‘vacation leave u festi pubblici’, l-attur accetta hlas ghas-saldu ta’ kull pendenza bejn il-partijiet u s-socjeta` konvenuta m’hijiex debitrici ta` l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal sema` x-xhieda ta’ Ivan Spiteri Lucas, John Cini u Michael Stivala.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza miz-zewg partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni taz-zewg partijiet.

Ikkunsidra

Din il-kawza titratta dwar somma pretiza bhala hlas ta’ *vacation leave* u festi pubblici allegatament dovuti mis-socjeta’ konvenuta u li s-socjeta’ konvenuta tghid illi l-attur kien accetta hlas ghas-saldu ta’ kull pendenza bejn il-partijiet.

Fix-xhieda ta` l-*enforcement officer* mall-Labour Office li kien l-ufficjal inkarigat bil-kaz ta` l-attur meta hu kien avvicinah *b’claim* ghall-intitolazzjonijiet bhala *ex* impjegat mill-*ex* employer tieghu u cioe’ s-socjeta’ konvenuta. Ix-xhud qal illi huwa kien ha hsieb il-kaz tas-Sur Cini u kien ressaqlu l-kaz tieghu l-Qorti kontra l-*employer* tieghu a bazi ta’ kalkoli li kien ghamel. Huwa qal illi wara li ressaqlu l-kaz induna lli kien ghamel zball fil-kalkolu ta’ *leave entitlement.* Huwa kkonferma illi s-socjeta’ konvenuta kienet hallset l-ammont kollu li kien mitlub fis-somma ta’ Lm764.

Jidher illi l-izball fil-kalkolu kien jiswa Lm274. Di fatti kien hemm talba ghal riduzzjoni fis-somma ta’ Lm274 li t-Tribunal akkolja.

Fix-xhieda ta` l-attur huwa jikkonferma illi t-talba giet ridotta ghal Lm274 u spjega kif f'kawza precedenti fil-Qorti tal-Magistrati *sede* kriminali kontra l-istess konvenuti kienet twaqfet meta thallas l-ammont rikjest. Huwa spjega kif l-ammont mitlub f'din il-kawza kien mitlub minnu minn qabel izda kien sar zball minn naha tal-*labour office* u ghalhekk ma thallasx tieghu.

Fix-xhieda tas-socjeta' konvenuta jghid illi f'kawza precedenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati *sede* kriminali din il-kawza twaqfet meta l-istess socjeta' konvenuta saldat l-ammont mitlub. Huwa spjega kif l-ammont originali ta' Lm1,009.64 gie ridott ghal Lm763.26 peress illi kien irrizulta hlas iehor da parti tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm197.62.

Fil-fehma tat-Tribunal, it-talba attrici fis-somma ta' Lm274 huwa ammont li allegatament gie kalkolat hazin mill-*Labour Office* meta kien qed jigi preparat il-kaz tas-Sur Cini kontra l-istess socjeta' konvenuta. Dan il-kalkolu kien maghmul mill-*Labour Office* u kien accettabbli ghall-attur. Illi t-tahrika tal-kawza kontra s-socjeta' konvenuta kienet saret ghal Lm1,009.64 izda wara kalkoli li saru mill-gdid is-somma giet ridotta ghal Lm763.26. Skond dokument ezebit l-attur kien iddikjara illi kien ircieva s-somma ta' Lm763.26 mis-socjeta' konvenuta ghall-arretrati dovuti lilu *'in full and final settlement.'* Din l-ircevuta giet iffirmata mill-attur fil-15 ta' Dicembru, 2005. It-Tribunal jinnota illi seba' xhur wara li thallas l-attur, l-attur fetah kawza quddiem dan it-Tribunal ghal Lm324 li gie ridott *seduta stante* ghal Lm274 wara kalkolu li sar mill-gdid.

Illi fil-fehma tat-Tribunal meta l-attur iffirma l-ircevuta datata 15 ta' Dicembru, 2005 *'for arrears due to me in full and final'* mis-socjeta' konvenuta kwalunkwe' debitu li din is-socjeta' kellha ma` l-attur gie saldat. Mas-saldu tad-debitu l-kawza fil-Qorti tal-Magistrati kontra s-socjeta' konvenuta ghal hlasijiet dovuti twaqfet. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jhossx illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-ammont mitlub mill-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta` l-attur fil-waqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Spejjez a karigu ta` l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------